**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il- Hamis 2 ta' April 2020.**

**Rikors nru: 24/2020 AGV;**

**AB (ID nru; 276893 M )**

**Vs**

**CB**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors tal-attur prezentat** fil- 21 ta' Jannar 2020, fejn ppermetta u ppreżenta s-segwenti;

1. Illi huwa izzewweg lil CB fis- 27 ta 'Ottubru 2007 u minn daz-zwieg, twieled tifel D , fl- 24 ta' Lulju 2007.
2. Illi l-partijiet kienu sseperaw legalment permezz ta' kuntratt tas-seperazzjoni datat 15 ta' Frar 2016, fl-atti tan-Nutar Ruben Debono kopja hawn annesssa.

3. Illi l-paritjiet ilhom ma jghixu flimkien minn Awwissu tas-sena 2015 u ghalhekk iktar minn erba snin.
4. Illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.
5. Illi ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment dovuti lil mara tat-tifel, u ma hemm l-beda arretrari dovuti lil mara, stante li kien hemm dekandenza da parte taghha, ai termini tal-kuntratt tas-seperazzjoni taghhom.
6. Illi r-rikorrent jaf b' dal-fatti personalment u qed jikkonfermahom bil-gurament.

Ghaldaqstant, ghal ragunijiet hawn fuq imsemmija umilent jitlob lil Onorabbli Qorti sabiex ;

1. Tiddikjara iz-zwieg tal-paritjiet li zzewgu fis- 27 ta 'Ottubru 2007 mahlul ghal fijijiet u effetti kollha tal-Ligi ai termini tal-artiklu 66 A (1) tal-Kap. 16 tal-ligjiet ta' Malta.
2. Tordna lir-registratur tal-Qrati sabiex fi zmien hekk prefiss minn dina l-Qorti javza lid-direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju sabiex dan jigi registrat.

**Il-Qorti rat ir-risposta ta' CB** datata 5 ta' Marzu 2020 fejn esponiet bir-rispett ;

1. Illi hija taqbel mat-talba tar-rikorrenti sabiex daz-zwieg jigi dikjarat mahlul.
2. Illi hija tikkonferma li ma hemmx arretrati ta ' manteniment x' jithallasu lilha.
3. Illi ma hemmx tama ghal rikonciljazzjoni bejniethom;
4. Illi l-patijiet ilhom ma jghixu taht l-istess saqaf ghal izjed minn erba' snin.
5. Illi hija tixtieq tirriverti ghal kunjom xbubitha u cjoe ' E.

**IKKUNSIDRAT;**

1. Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.
2. Tilqa' it-talba ta' CB, u cjoe' li tirriverti ghal kunjom xbubitha u cjoe' **E.**

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**